KUNSILL LOKALI IL-ĦAMRUN

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali l-Ħamrun**

**Is-SEBA' LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 33**

**15 ta' Marzu 2017**

Il-Kunsilli Lokali Il-Ħamrun ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Misraħ il-Kunsill, Triq id-Duka t'Edinburgh fil-5.00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Christian Sammut – Sindku
Vincent Bonello – Viċi Sindku
Antonello Cuschieri – Kunsillier
Louise Portelli - Kunsillier
Efrem Buttiġieġ – Kunsillier
Jurgen Carl Grixti - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Carmen Borg - Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Karen Camilleri – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**
Is-Sindku Christian Sammut ippresjeda l-laqgħa.

## 33.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

33.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat Certifikat Mediku u qrat l-ittra ta' apoloġija ta' Carmen Borg lill-membri preżenti, li unanimament aċċettaw l-apoloġija.

## 33.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

33.2.1 Ġew iċċirkulati l-Minuti ta' Seduta Nru 32 lill-membri preżenti, li ttieħdu bħala moqrija.

Il-Minuti ġew approvati unanimament.

**33.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

33.3.1 Is-Sindku nfurma li x-xogħol fuq il-bankina ta' quddiem il-Knisja tal-Kunċizzjoni tlesta u d-dawl inxtegħel ukoll. Saru bollards dekorattivi sabiex jevitaw li jipparkjaw fuq il-bankina.

33.3.2 Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ staqsa dwar it-tender għal Legal Consultant. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li t-tender lesta u se tinħareġ kif approvat, bħala Fee Based Tender.

33.3.3 Is-Sindku nfurma li l-Kumitat iffurmat mill-Kappillan jinsab għaddej b'diskussjonijiet dwar il-Pellegrinaġġ bl-istatwa ta' San Gejtanu, fejn x'aktarx se tinżamm fis-7 ta' Jannar 2018. Bħalissa qed isir studju sabiex jaraw jekk l-istatwa tgħaddix mill-bieb tal-Knisja Immakulata Kunċizzjoni.

33.3.4

Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ staqsa jekk kienx hemm żviluppi dwar il-LEGA. Is-Sindku nfurma li s'issa ma sema' xejn.

33.3.5

Is-Sindku nfurma li bdiet tinħadem it-tender għall-Pjanti u Pots, sabiex jitwettaq il-proġett skont il-Memorandum of Understanding li ġie ffirmat mal-Ministeru.

33.3.6

Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ staqsa jekk il-Wifi ġiex trasferiet. Is-Sindku kkonferma li l-Wi-fi minn Pjazza San Pawl ġie trasferiet kif mitfihem.

33.3.7

Il-Viċi Sindku, Vincent Bonello xtaq jiġbed l-attenzjoni tal-membri dwar il-każ tal-invit li ma wasallux, fejn qal li nħlew 2 Seduti dwar dan il-każ u issa dan l-invit tfaċċa u ġie nfurmat li dan kien ġie mpustat iżda għal xi raġuni ma wasalx. Il-Viċi Sindku qal li r-risposta setgħet ingħatat ferm qabel.

33.3.8

Is-Sindku Christian Sammut wera s-sodisfazzjon tiegħu għall-organizzar tal-attivita' tal-Karnival ta' din is-sena, fejn din is-sena kien hemm żieda anke min-nies li ġew għall-attivita'. Fil-fatt il-Kunsill Malti għall-Arti u Kultura jinsabu sodisfatti ħafna b'andament tal-attivita', tant li din għas-sena d-dieħla jixtiequ jkabbru din l-attivita'.

Il-Ministeru għandu fiduċja sħiħa f'din attivita' u tant hu hekk li għal din is-sena l-fondi żdiedu b'€2000 aktar mis-somma mogħtija s-sena li għaddiet.

Is-Sindku nfurma lill-membri li l-unika suġġeriment/lmenti li kien hemm kien dwar il-Kompetizzjoni tal-Karnival, fejn din is-sena nżammet f'side road, għaliex il-Kunsill ħaseb li se tkun aħjar, iżda rriżulta li ma rnexxietx. Is-Sindku Christian Sammut qal li l-Kunsill għandu jiddiskuti jekk il-kompetizzjoni tal-Kostumi għandhiex issir u jekk issir jinstab post ieħor. Is-Sindku ssuġġerixxa li jekk kemm-il darba din l-attivita' tinżamm, għandha ssir qabel, eżempju fil-ġurnata tas-Sibt, imbagħad fl-arena, l-Ħadd filgħodu, jitħabbru r-rebbieħa u jiġu ppreżentati l-premijiet biss.

Is-Sindku Christian Sammut rringrazzja lis-Sur Clint Bonavia għax-xogħol siewi li għamel qabel l-attivita', fejn ħadem ħafna sabiex jitnaddfu l-wires u ventijiet minn Triq il-Kbira San Ġużepp sabiex il-karrijiet mxew tajjeb ħafna. Is-Sindku rringrazzja lill-Kunsillier Efrem Buttiġieġ tax-xogħol siewi li għamel fl-arena fejn minkejja l-ġenn ta' dak il-ħin kollox mexa tajjeb ħafna ukoll. Il-Viċi Sindku staqsa jekk is-sena d-dieħla hux se jerġa' jinżamm il-Karnival fil-Ħamrun, għaliex fiż-żmien meta kien jiltaqa' l-Kumitat tal-Karnival fil-Binja tal-Kunsill, biex jinħarġu r-riżultati tal-Karnival, kienu ndikaw li jekk isir il-Karnival fil-Ħamrun, dan kien se jiġi organizzat għal sentejn biss. Il-Viċi Sindku qal li ġaladarba din l-attivita' qed tikseb suċċess, sena wara oħra, l-Kunsill għandu jinsisti li din tibqa' ssir fil-lokalita' tal-Ħamrun.

33.3.9 Is-Sindku Christian Sammut nfurma lill-membri li kellu laqgħa mal-persuni responsabbli għall-Culling tal-Ħamiem, fejn ġie ppreżentat diversi modi ta' kif jista' jsir il-qbied tal-ħamiem u wasal għal konklużjoni li l-aħjar eżeriċizzju li għandu jintuża fil-lokalita' huwa dak bix-xibka, fejn tintrama xibka kbira u l-ħamiem jinqabad ġo fiha, wara ssir l-għażla tal-ħamiem, fejn il-marid jitwarrab u dak san jittieħed l-Għammieri. Għal dan l-eżerċizzju l-unika spiża li se jkollu l-Kunsill hija dik ta' Pulizija li jkunu qed jassistu l-eżerċizzju. Il-Kunsill approva li jsir Culling tal-Ħamiem bix-xibka biss u bil-kundizzjoni li l-ħamiem san ma jinqatilx.

33.3.10 Is-Sindku nfurma lill-membri li l-Kunsill se jkollu jagħmel *Compliant Certification* għall-installar ta' dwal fir-roundabouts ta' Triq il-Ferrovija u Triq San Ġorġ Preca.

33.3.11 Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ staqsa dwar l-użu abbużi ta' Un/Loading fi Triq id-Duluri. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri li wara eżerċizzju ta' verifika mad-dokumenti jirriżulta li din l-Un/Loading Bay hija Communal Bay li kienet saret bl-approvazzjoni ta' Transport Malta. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li diġa għaddiet rapport lill-Pulizija dwar dan l-abbuż, iżda jidher li għadhom ma ttieħdux passi u se tiegħu ħsieb terġa' tibgħat Reminder.

**33.4 Il-Kunsillier Antonello Cuschieri daħal għal-laqgħa (17:25)**

33.3.12 Il-Viċi Sindku, Vincent Bonello nfurma lill-membri li t-tender tal-iStreet Lighting kien hemm deċiżjoni li l-Kunsill joħroġha għal rasu u mhux mar-Reġjun. Is-Sindku nfurma li kien hemm direzzjoni mid-Dipartiment li t-tender tinħareġ mir-Reġjun.

## 33.5 Attivitajiet marbuta mal-Festi tal-Ġimgħa Mqaddsa

33.5.1 Is-Sindku nfurma li se jsiru s-slaleb fil-pjazez ewlenin tal-lokalita' u se jitqassam flyer ta' nformazzjoni dwar il-wirjiet li se jinżammu fil-Ħamrun f'dawn il-ġranet ta' festa.

33.5.2 Is-Sindku nfurma lill-membri li l-Pagaent se tinżamm nhar is-Sibt 8 t'April 2017 fit-8.30p.m. fuq iz-zuntier tal-Parroċċa San Gejtanu.

33.5.3 Is-Sindku nfurma li nfetħet Kompetizzjoni għall-isbaħ vetrina tal-ħwienet imżejna bit-tema tal-Ġimgħa l-Kbira.

33.5.4 Is-Sindku ħeġġeġ lill-membri kollha jattendu għall-attivitajiet li qed jiġu organizzati mill-għaqdiet u ndividwi fil-lokalita'.

## 33.6 Xogħlijiet u proġetti fil-lokalita'

33.6.1 Is-Sindku nfurma lill-membri li ltaqa' mal-Professur Ray Mangion dwar l-istorja tal-Ħamrun u waqgħet id-diskussjoni dwar l-oriġini tal-isem tal-Ħamrun, fejn jingħad li l-isem oriġina minn persuna li kienet tgħix fil-lokalita' li kellu l-laqam 'Il-Ħamruni". Wara diskussjoni dwar dan, is-Sindku ppropona li ssir plakka kommemorattiva bl-informazzjoni dwar l-oriġini tal-isem tal-Ħamrun u b'wiċċ Ġammari Zammit 'Il-Ħamruni". Is-Sindku ppropona li din il-plakka titwaħħal mal-faċċata tal-Bank HSBC, fejn oriġinarjament kien hemm il-ħanu ta' Ġammari Zammit. Is-Sindku ppropona li dan ix-xogħol jiġi kkummissjonat lis-Sur Mario Caruana, bħala ex-kunsillier. Il-Kunsillier Antonello Cuschieri qal li hu jaqbel mal-kunċett iżda huwa mportanti li l-Kunsill jagħmel verifika tal-affarijiet, sabiex kollox jimxi skont il-liġi, speċjalment dak tal-procurement u fil-każ tinħareġ Expression of Interest pubblika.

33.6.2 Is-Sindku nfurma lill-membri li dan l-aħħar is-Segretarju Eżekuttiv kellha telefonata mill-Awtorita' Maltija għat-Turiżmu fejn ġiet infurmata li minn Ottubru 2017, il-letrini pubbliċi se jkunu responsabbilta' tagħhom u għaldaqstant il-Proġett Kapitali li għalih il-Kunsill ingħata € 10,000 fondi mill-Gvern Ċentrali mhux vijabbli li jsir. Fid-dawl ta' dan kollu, s-Sindku ppreżenta żewġ proġetti kapitali ; Tisbiħ ta' Pjazza San Pawl u Tisbiħ ta' Triq Joe Abela Scolaro. Il-Kunsillier Antonello Cuschieri qal li l-fondi huma ftit wisq biex jitwettaq il-proġett ta' Triq Joe Abela Scolaro u għaldaqstant il-fondi għandhom jiġu trasferiti għal Proġett ta' Pjazza San Pawl, iżda l-Kunsill għandu joqgħod attent minħabba l-proġett tal-Kiosk, biex ma jkunx hemm misunderstanding li l-Kunsill qed jiffinanzja l-proġett tal-gabbana ukoll. Il-Kunsillier Antonello Cuschieri qal li huwa mportanti li l-Kunsill ikollu ndikazzjoni meta se jinbeda x-xogħol tal-gabbana għaliex mhux l-ewwel isir ix-xogħol ta' tisbiħ tal-pjazza, imbagħad jerġa' jitkisser kull m'hemm. Barra minhekk il-Kunsill għandu joqgħod attent ukoll anke minħabba r-restawr fuq il-monument ta'Fra Diegu, għaliex lanqas ħaqq ix-xogħol li jkun sar biex imbagħad jerġa' jispiċċa maħmuġ.

Wara diskussjoni dwar iż-żewġ proġetti, l-Kunsill qabel li ssir talba lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali sabiex dawn il-fondi jiġu trasferiti għall-proġett ta' tisbiħ ta' Pjazza San Pawl.

**33.7** Il-Kunsillier Louise Portelli talbet li tkun skużata mil-laqgħa. Hi ħarġet fil-17:50

**33.8 Tenders**

38.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri li t-tenders huma kollha lesti u se jinbdew jinħarġu fil-ġranet li ġejjin. Is-Segretarju Eżekuttiv se tkun qed tinnotifika lill-membri bid-dati meta jinħarġu.

**33.9 Informazzjoni Oħra**

33.9.1 Is-Sindku nfurma lill-membri li l-Ħamis, 16 ta' Marzu se jinbeda l-Awditjar fl-uffiċċji tal-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li kollox jinsab lest. Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat il-Fixed Assets Register fejn infurmat li kien hemm xi assets antiki li ġew *written off*, iżda mhux se jaffettwa l-FAR daqshekk għax l-ammonti huma żgħar.

33.9.2 Is-Sindku nfurma lill-membri li t-talba għall-ġemellaġġ ma' Serrone ġie approvat mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali. Il-Kunsill ġie mistieden jitla' Serrone biex jiffirma dan il-Ġemellaġġ u d-delegazzjoni se tkun iffurmata minn Christian Sammut bħala Sindku, s-Sjra Karen Camilleri bħala s-Segretarju Eżekuttiv u l-kunsilliera Antonello Cuschieri u Jurgen Carl Grixti. Is-Sindku nfurma wkoll li din id-delegazzjoni se tkun assistitha minn Dr Aaron Farrugia, li kien il-*point of reference* sabiex dan il-Ġemellaġġ seta' jsir. Il-Kunsillier Antonello Cuschieri ġibed l-attenzjoni li l-Kunsill għandu joqgħod attent għaliex Dr Aaron Farrugia huwa kandidat għall-Elezzjoni Ġenerali fuq l-1 distrett u talab jekk hemmx xi tip ta' korrispondenza li turi l-involviment ta' Dr Farrugia f'dan il-ġemellaġġ, għaliex in-nies jafu jikkumentaw għaliex dan il-kandidat u mhux ieħor u anke għall-kandidati l-oħra, għaliex fl-aħħar mill-aħħar il-Kunsill minn kollha jrid l-għajnuna. Is-Sindku qabel ma dak kollu li qal il-Kunsillier Antonello Cuschieri u qal li din l-inizzjattiva tista' tkun ta' eżempju sabiex il-kandidati l-oħra jersqu lejn il-Kunsill u jġibu proġetti validi b'risq il-lokalita'. Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv ikkonfermaw li hemm korrispondenza uffiċjali li turi l-involviment ta' Dr Farrugia biex jinbeda l-kuntatt mal-Comune ta' Serrone.

**33.10** Il-Viċi Sindku, Vincent Bonello talab li jkun skużat mil-laqgħa. Huwa ħareġ fil-17:55

**33.11 Proġetti oħra**

33.11.1 Is-Sindku nfurma li beda x-xogħol fuq il-bankina ġdida fi Triq Manwel Magri kantuniera ma Triq Villambrosa, fejn hemmhekk qatt ma kien hemm bankina u kien hemm periklu kontinwu għar-residenti. Is-Sindku spjega li mistenni jibda xi xogħol fuq bankini ġodda, fejn huwa mistenni li jinbeda t-tibdil tal-bankina ta' Triq Nuzzo, fejn l-istima tammonta għal madwar €18,000 - €20,000. Il-Kunsill approva li ssir il-bankina fi Triq Nuzzo.

33.11.2 Is-Sindku nfurma lill-membri li ġie avviċinat mir-residenti ta’ Triq San Gejtanu (‘l parti bejn Triq id-Duka t’Edinburgh u Triq San Vincenz, dwar il-problema ta’ aċċess minn Triq id-Duka t’Edinburgh. Il-Kunsill qabel li titressaq talba formali quddiem Transport Malta sabiex Triq San Gejtanu, ‘l parti minn Triq Anton Buttiġieġ sa Triq id-Duka t’Edinburgh issir One-Way bil-kontra, jiġifieri d-dħul isir minn Triq Anton Buttiġieġ.

33.11.3 Is-Sindku nfurma lill-membri li lejn l-aħħar ta’ Marzu se jinbeda x-xogħol fuq il-pavimentar ta’ Triq il-Kbira San Ġużepp minn Transport Malta, fejn se jinbidlu s-servizzi tal-ilma, drenaġġ u storm water. Dan il-proġett se jiġi jiswa madwar € 600,000. Is-Sindku nfurma lill-membri li saret talba sabiex it-taraġ li hemm quddiem The 7s jiġi aċċessibbli għall-persuni b’diżabilita’, liema talba ġiet milqugħa. Il-Kunsillier Antonello Cuschieri staqsa jekk tal-ħwienet hux se jiġu nfurmati b’dan ix-xogħol. Is-Sindku kkonferma li kemm ir-residenti kif ukoll il-ħwienet se jkunu nfurmati bil-proġett, iżda ma xtaqx jgħaġġel għax ma jridx iwiegħed lin-nies imbagħad jinqala’ xi ħaġa u ma jsir xejn.

33.11.4 Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ infurma lill-membri li qed ikollu bosta lmenti mingħand ħafna residenti dwar ġrieden fit-toroq u jidher li din il-problema mhux qegħda fi triq waħda, iżda mxerrda mal-lokalita’ kollha.

33.11.5 Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ staqsa jekk il-bins li kienu ġew ordnati twaħħlux. Is-Segretarju Eżekuttiv ikkonfermat li l-bins kollha twaħħlu.

33.11.6 Il-Kunsillier Antonello Cuschieri staqsa jekk il-Kunsill hux interessat li jidħol għall-Kompetizzjoni ‘Premju għall-Inrtapriża’. Il-Kunsillier Antonello Cuschieri ssuġġerixxa li tinħadem application/website tal-businesses fil-lokalita’ u tiġi proposta lill-businesses kollha, jekk jixtiequx ikunu parti minnha. Barra minhekk il-business li jkunu parti minn din l-application jingħatalhom link sabiex jagħmlu l-updates li jkollhom minn żmien għal żmien u b’hekk din l-application tkun il-vetrina online għal business tagħhom. Il-Kunsill qabel ma din l-inizzjattiva.

33.11.7 Il-Kunsillier Jurgen Carl Grixti nfurma lill-membri li ġie avviċinat minn student ħamruniż, Rycart Spina fejn talab li jagħmel xogħol volontarju fil-Kunsill, bħala parti mill-proġett tas-SOK. Il-Kunsill approva li s-Sur Rycart Spina jingħata l-opportunita’ li jagħmel dan ix-xogħol fi ħdan il-Kunsill.

33.11.8 Il-Kunsillier Jurgen Carl Grixti nfurma lill-membri li beda taħdidiet ma’ rappreżentant ta’ Choco Art Festival li jinżamm kull sena f’Taormina. Din il-persuna bħalissa tinsab Malta u mistenni jiltaqa’ magħha.

**33.12 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta’ pagamenti**

Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda Skeda ta’ Ħlasijiet Nru 25.

L-iSkeda ta’ Ħlasijiet ġiet approvata unanimament.

**33.13 Korrispondenza**

33.13.1 Suġġeriment fuq il-Karnival – Il-Kunsill fehem it-talba mressqa iżda minħabba diffikultajiet ta' loġisitika dan is-suġġerimenti ma jistgħux jiġu kkunsidrati.

33.13.2 Robotics for Summer – Il-Kunsill qabel mal-kunċett tal-kors, iżda ra li huwa ftit expensive għar-residenti Ħamruniżi, speċjalment dawk li għandhom aktar minn tifel wieħed. Għaldaqstant ġie propost li dan il-kors jiġi offrut iżda miegħu jiġu offruti korsijiet oħra.

Hamrun Fest Car & Motor Show – Filwaqt li l-Kunsill jaqbel li jiġu organizzati attivitajiet ta' nteress ġenerali fil-lokalita', nġibdet l-attenzjoni għall-ispejjeż li se jkunu koperti mill-Kunsill, fosthom ħlasijiet ta' Pulizija, permessi eċċ.

Talba għal tappieri ġodda – Il-Kunsill talab aktar informazzjoni għaliex ma fehemx fejn se jsiru eżattament dawn it-tappieri.

Serata b'risq l-ALS. – Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ infurma lill-membri li nibtet l-idea li tinżamm Pasta Night fl-area ta' quddiem il-Knisja San Gejtanu, fejn il-flus kollha miġbura jmorru għall-ALS. Il-Kunsill approva din l-attivita'.

Tismija ta' triq għal Laurie Bellizzi – Il-Kunsill qabel li tintalab CV ddettaljata tas-Sur Laurie Bellizzi sabiex tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss.

James Licari – Rapport ta' Restawr Monument Fra Diegu u Monument Anton Buttiġieġ.

Miriam Zammit – Talba għal U-Bars fi Triq Sant'Antnin. Il-Kunsill approva li din it-talba titressaq għall-attenzjoni ta' Transport Malta.

Talba għall-għajnuna – Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri li t-talba ma tistax tiġi milqugħa għaliex tittieħed bħala Donazzjoni.

**33.14 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

33.14.1 Il-laqgħa intemmet fis-7.15p.m. u ġiet aġġornata għat-Tnejn, 17 ta' April fil-5.00p.m.

Konfermati, illum, it-Tlieta 18 ta' April 2017

| | |
|---|---|
| **<u>IFFIRMATA</u>** | **<u>IFFIRMATA</u>** |
| Christian Sammut | Karen Camilleri |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |